**70. Il-Ministru tal-Intern, l-Onor. Tonio Borg jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

Billi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (l) ta' 1-artikolu 10 ta' 1-Att dwar il-Ħabs, il-Ministru tal-Intern, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, jista' jagħmel regolamenti dwar l-għoti ta' pensjonijiet lill-persuni li kienu fis-servizz tad-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi jew lir-rappreżentanti legali jew dipendenti tagħhom.

U billi huwa maħsub fis-sub artikolu (4) ta' 1-imsemmi artikolu 10 ta' l-Att dwar il-Ħabs li 1-ebda regolament li jsir bis-saħħa ta' dan 1-artikolu m'għandu jseħħ kemm-il darba ma jkunx irċieva minn qabel l-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati liema approvazzjoni għandha tingħata permezz ta' riżoluzzjoni.

Għalhekk huwa b'dan riżolut li 1-Kamra tad-Deputati tapprova 1-abbozz tar-regolamenti ta' 1-1999 dwar pensjonijiet għal min jaħdem il-Ħabs miġbura fid-dokument hawn anness għall-għanijiet tas-subartikoli (1) u (4) ta' 1-artikolu 10 tal-Kap 260 tal-Liġijiet ta' Malta, Att dwar il-Ħabs, u għall-għanijiet 1-oħra kollha ta' 1-istess Att.

15.06.1999

09.06.1999